MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Avviz Numru. 53/2006

**BAM! Limited**

**vs**

**International Call Management Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf hames mija u tmienja u sebghin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu, (LM1,578.89,0), rapprezentanti xoghol ta' reklamar illi kien gie debitament ordnat minnha, liema somma hija dovuta:**

**a) kwantu ghal mitejn u tlett Liri Maltin u sittin centezmu, (LM203.60,0), bhala bilanc minn fuq somma akbar indikata fuq fattura numru 31709 datata it-2 ta' Mejju tas-sena 2005;**

**b) kwantu ghal erba' mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (LM458.43,0), skond fattura numru 31792 datata l-1 ta' Gunju tas-sena 2005;**
**c) kwantu ghal erba' mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (LM458.43,0), skond fattura datata 1 ta' lulju tas-sena 2005 u ;**
**d) kwantu ghal erba' mija u tmienja u hamsin Lira Maltin u tlieta u erbghin centezmu, (LM458.43,0), skond fattura numru 31885 datata 1 ta' Awissu tas-sena 2005 u dan kollu skond kif muri fi prospett u kopja tal-fatturi relattivi minn Dok. A sa Dok E;**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra nterpellatorja datata it-23 ta' Settembru tas-sena 2005 (kopja Dok. F hawn annessa), ta' l-ittra ufficcjali datata it-12 ta' Ottubru tas-sena 2005 u mhux notifikata (kopja Dok. C hawn annessa), u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kastrili u bl-ingunzjoni in subizzjoni taghha;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-26 ta' April tas-sena 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta International Call Management Limited.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------